**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 456/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Vella)**

**Vs**

**Italo Grech**

**Illum 14 ta' Diċembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Italo Grech ta' sitta u tletin (36) sena, iben George u Carmela neè Gatt, imwieled il-Pietà nhar it-12 ta' Awwissu 1983, residenti Nru. 172, Triq Marina, Pietà, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 399283(M), talli nhar il-11 ta' Settembru 2020, bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:00hrs - 11:30hrs) u fil-ġranet u xhur ta' qabel, barra l-fond numru BLK5, Triq il-Fossos, Floriana, u f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna repitutament lil ommu Carmela Grech u lil missieru George Grech biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew proprjetà ta' l-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew famijari oħra bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1) u 251H(a)(b)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Carmela Grech u lil missieru George Grech u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Carmela Grech u ta' George Grech u sabiex il-Qorti tittratta dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika skond il-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u għall-ewwel wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1] iżda imbagħad fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020[2], huwa iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jirrikonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fit-12 ta' Settembru 2020 markati Dok. "MV1" sa' Dok. "MV5", inkluż il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 9 sa' 24 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġ fit-12 ta' Settembru 2020, liema Ordni ta' Protezzjoni kellu jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali[3];

Semgħet ix-xhieda ta' Carmela Grech[4] u ta' George Grech[5] mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Michael Vella[6] mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2020 u ta' l-14 ta' Ottubru 2020[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MVX" sa' Dok. "MVX5" a fol. 44 sa' 76 tal-proċess u Dok. "MVX1" u Dok. "MVX2" a fol. 84 u 85 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Carl Saliba[8] u ta' Jessica Grech Parnis[9], entrambe Risk Assessors ma' l-Aġenzija Appoġġ, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2020 u semgħet ix-xhieda ta' PS728 Brandon Borg mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020[10];

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena wara li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 89 tal-proċess.
[2] Fol. 100 tal-proċess.
[3] Fol. 26 tal-proċess.
[4] Fol. 30 sa' 34 tal-proċess.
[5] Fo. 35 sa' 39 tal-proċess.
[6] Fol. 42 u 43 tal-proċess.
[7] Fol. 83 tal-proċess.
[8] Fol. 75 sa' 77 tal-proċess.
[9] Fol. 78 u 79 tal-proċess.
[10] Fol. 81 u 82 tal-proċess.

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar il-11 ta' Settembru 2020, bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:00hrs - 11:30hrs) u fil-ġranet u xhur ta' qabel, barra l-fond numru BLK5, Triq il-Fossos, Floriana, u f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) bl-imġieba tiegħu kkaġuna repitutament lil ommu Carmela Grech u lil missieru George Grech biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew proprjetà ta' l-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew famijari oħra bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1) u 251H(a)(b)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu Carmela Grech u lil missieru George Grech u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Għalkemm għall-ewwel l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2020 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni u anke fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-provi prodotti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi, il-fedina penali ta' l-imputat u anke l-fatt li l-imputat għandu problema qawwija ta' abbuż ta' droga, liema problema fil-fatt hija l-kaġun tal-problemi bejn l-imputat u l-ġenituri tiegħu, hekk kif del resto jirriżulta mix-xhieda mogħtija minnhom waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50, 202(h)(iii), 208AĊ(2)(d), 251B(1), 251H(b)(ċ) u 339(1)(e) tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat ħati. Peress illi fil-fehma tal-Qorti s-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa kemm fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u tal-problema qawwija ta' abbuż ta' droga li huwa għandu, liema problema wasslitu biex wettaq ir-reati li tagħhom qed jiġi kkundannat, kif ukoll fl-interess li tiġi assikurata ir-rijabilitazzjoni ta' l-imputat mill-vizzju ta' droga biex b'hekk anke jiġi evitat l-għemil ta' reati oħra da parte tiegħu, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-lum, taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation mogħti llum u liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem li huwa jifhem l-effett ta' l-Ordni ta' Probation hawn imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel reat ieħor tul il-perijodu ta' din l-Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati minnu ammessi f'dawn il-proċeduri.

A tenur ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta Probation mogħti llum jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Carmela Grech u George Grech, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' elf Euro (€1,000) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti u/jew Periti, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-aħħar talba tal-Prosekuzzjoni dedotta ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**